



2024/2692

18.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2692

tas-17 ta' Ottubru 2024

li jemenda l-Annessi I u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni jew l-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri jew żoni tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-mard elenkat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tiegħu, u jispeċifika kif dawk ir-regoli jridu jiġu applikati għall-kategoriji differenti tal-mard elenkat. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll l-approvazzjoni jew l-irtirar mill-Kummissjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom rigward ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tiegħu. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi tal-eradikazzjoni obbligatorji għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), tiegħu u programmi tal-eradikazzjoni fakultattivi għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), tiegħu, u għall-approvazzjoni ta' dawn il-programmi mill-Kummissjoni.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 u jistabbilixxi l-kriterji għall-ġoti, għaż-żamma, għas-sospensjoni u għall-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom, u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620⁽³⁾ jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-mard elenkat, imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, tal-annimali, fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni tal-programmi tal-eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat. B'mod aktar partikolari, dan jelenka fl-Annessi tiegħu, l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom bi status approvat ta' ħelsien mill-mard, u bil-programmi tal-eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi approvati eżistenti. Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tinbidel fl-Unjoni ta' ċertu mard elenkat, jenħtieġ li jiġu emendati l-Annessi I u VIII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (4) L-ewwel nett, għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali ovinu u kaprini miżmuma, fil-11 ta' Diċembru 2023 l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa primarja fil-provinċja ta' Alessandria fir-Reġjun tal-Piemonte, segwita minn żewġ tifqigħat sekondarji fl-istess provinċja nnotifikati fit-8 ta' Jannar 2024 u fl-1 ta' Awwissu 2024. Peress li r-Reġjun kollu tal-Piemonte għandu status ta' ħelsien mill-mard u huwa elenkat fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, jenħtieġ li l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali ovinu u kaprini miżmuma tiġi rtirata mill-provinċja ta' Alessandria fir-Reġjun tal-Piemonte u l-entrata għall-Italja f'dik il-lista jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

⁽¹⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi tal-eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tal-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi tal-eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/620/oj).

- (5) It-tieni, fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV), iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, u l-Iżvezja nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' infezzjoni tas-serotip 3 tal-BTV. Fir-rigward ta' dik il-marda, it-tifqigħat fil-Ġermanja ġew innotifikati fiż-żona li għad għandha status ta' ħelsien mill-mard. Barra minn hekk, l-Awstrija nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa waħda ta' infezzjoni tas-serotip 4 tal-BTV. Barra minn hekk, l-Italja u Spanja nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' infezzjoni tas-serotip 8 tal-BTV. L-Italja fir-reġjun ta' Valle d'Aosta, u Spanja fil-komunità awtonoma tal-Katalonja qrib il-provinċja ta' Huesca fil-komunità awtonoma ta' Aragona, u fil-komunità awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi. Peress li t-territorju kollu taċ-Ċekja, il-Lussemburgu u d-Danimarka, il-Ġermanja (ħlief għal Bundesland Bremen, Hessen, Niedersachsen, Nordrhein-Westfalen, Rheinland-Pfalz), u t-territorju kollu tal-Awstrija u tal-Iżvezja, ir-reġjun ta' Valle d'Aosta fl-Italja, u l-komunità awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi, u l-komunità awtonoma ta' Aragona fi Spanja għandhom status ta' ħelsien mill-mard, u huma elenkati fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, jenħtieġ li l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-infezzjoni bil-BTV tiġi rtirata mit-territorju kollu tad-Danimarka, tal-Lussemburgu, tal-Ġermanja kif deskritt qabel, tal-Awstrija, tal-Iżvezja, diversi reġjuni taċ-Ċekja, ir-reġjun ta' Valle d'Aosta fl-Italja, kif ukoll mill-komunità awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi u mill-provinċja ta' Huesca fil-komunità awtonoma ta' Aragona fi Spanja. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati għaċ-Ċekja, għad-Danimarka, għall-Ġermanja, għal Spanja, għall-Italja, għal-Lussemburgu, għall-Awstrija u għall-Iżvezja f'dik il-lista jiġu emendati kif xieraq.
- (6) Barra minn hekk, Spanja infurmat lill-Kummissjoni li estendiet il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm tal-eradikazzjoni fakultattiv għall-infezzjoni bil-BTV li diġà ġie approvat għaż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, biż-żieda tal-komunità awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi u żona li tinkludi l-provinċja ta' Huesca fil-komunità awtonoma ta' Aragona. Għalhekk, daww iż-żoni jenħtieġ li jiżdiedu mal-entrata għal Spanja fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, u tiġi approvata l-emenda proposta għall-programm tal-eradikazzjoni fakultattiv għall-infezzjoni bil-BTV.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jiġu emendati kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Annessi I u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-Parti I, il-Kapitolu 2, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"L-Italja	Regione Abruzzo Regione Basilicata: Province di Matera Regione Calabria: Provincia di Catanzaro, Cosenza Regione Campania: Provincia di Benevento, Napoli, Salerno Regione Emilia-Romagna Regione Friuli Venezia Giulia Regione Lazio Regione Liguria Regione Lombardia Regione Marche Regione Molise Regione Piemonte: Provincia de Asti, Biella, Cuneo, Novara, Verbano-Cusio-Ossola, Vercelli u Citta Metropolitana di Torino Regione Puglia: Province di Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi, Lecce, Taranto Regione Sardegna Regione Toscana Regione Trentino – Alto Adige Regione Umbria Regione Valle d'Aosta Regione Veneto"

(2) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għaċ-Ċekja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Iċ-Ċekja	It-territorju kollu taċ-Ċekja ħliet: Ir-Reġjun ta' Karlovy Vary, Ir-Reġjun ta' Ústí nad Labem, Ir-Reġjun tal-Bohemia Ċentrali, Ir-Reġjun ta' Praga, Ir-Reġjun ta' Pilsen, Ir-Reġjun ta' Liberec, Ir-Reġjun tal-Bohemia tan-Nofsinhar, Id-distretti ta' Pelhřimov, Havlíčkův Brod u Jihlava fir-Reġjun ta' Vysočina, Id-distretti ta' Pardubice u Chrudim fir-Reġjun ta' Pardubice, Id-distretti ta' Jičín u Hradec Králové fir-Reġjun ta' Hradec Králové"

- (ii) l-entrata għad-Danimarka titħassar;
- (iii) l-entrata għall-Ġermanja titħassar;
- (iv) l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Spanja	Comunidad Autónoma de Aragón: Provincia de Zaragoza y Teruel Comunidad Autónoma de Canarias Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha: Provincia de Guadalajara Comunidad Autónoma de Castilla y León, minbarra ż-żoni li ġejjin: Provincia de Ávila Provincia de Salamanca Cantalejo, Carbonero El Mayor, Santa María la Real de Nieva, Segovia, Villacastín fil-Provincia de Segovia Alcañices, Bermillo de Sayago, Puebla de Sanabria fil-Provincia de Zamora Comunidad Autónoma de La Rioja Comunidad Autónoma de Navarra Comunidad Autónoma del País Vasco Comunidad Autónoma de Valencia: Provincia de Castellón u Provincia de Valencia"

- (v) l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"L-Italja	Provincia Autonoma di Bolzano – Alto Adige Regione Friuli Venezia Giulia"

- (vi) l-entrata għal-Lussemburgu titħassar;
 - (vii) l-entrata għall-Awstrija titħassar;
 - (viii) l-entrata għall-Iżvezja titħassar.
- (b) il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI II

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-BTV

Stat Membru	Territorju	Data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689
Spanja	Comunidad Autónoma de Aragón: Provincia de Huesca Comunidad Autónoma de Andalucía Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha, ħlief il-Provincia de Guadalajara Comunidad Autónoma de Asturias	21.2.2022"

	<p>Comunidad Autónoma de Cantabria Comunidad Autónoma de las Islas Baleares Comunidad Autónoma de Castilla y León: Provincia de Ávila Provincia de Salamanca Cantalejo, Carbonero El Mayor, Santa María la Real de Nieva, Segovia, Villacastín fil-Provincia de Segovia Alcañices, Bermillo de Sayago, Puebla de Sanabria fil-Provincia de Zamora Comunidad Autónoma de Cataluña Comunidad Autónoma de Extremadura Comunidad Autónoma de Galicia Comunidad Autónoma de Madrid Comunidad Autónoma de Murcia Comunidad Autónoma de Valencia: Provincia de Alicante.</p>	
--	---	--